

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1291/2009

tat-18 ta' Diċembru 2009

li jikkonċerna l-għażla tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet bl-iskop li jiddeterminaw l-introjtju tal-azjendi agrikoli

(ĠU L 347, 24.12.2009, p. 14)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 758/2011 tal-1 ta' Awwissu 2011	L 199	40	2.8.2011
► <u>M2</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 327/2012 tas-17 ta' April 2012	L 106	13	18.4.2012
► <u>M3</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 959/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013	L 265	3	8.10.2013

Ikkoreġut minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 43, 14.2.2013, p. 59 (758/2011)



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1291/2009

tat-18 ta' Diċembru 2009

li jikkonċerna l-għażla tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet bl-iskop li jiddeterminaw l-introjtu tal-azjendi agrikoli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' dejta ta' kontabbiltà dwar l-introjtu u l-operazzjoni kummerċjali tal-azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(4), 6(5) u 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1859/82 tat-12 ta' Lulju 1982 rigward l-għażla ta' oqsma [azjendi] li jippreżentaw il-kontijiet sabiex jiġi determinat id-dħul [l-introjtu] tal-oqsma [azjendi] agrikoli ⁽²⁾ stabbilixxa l-limiti minimi għad-daqs ekonomiku tal-azjendi u l-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għal azjendi agrikoli ⁽³⁾ introduċa kunċett ġdid tad-“daqs ekonomiku”, li issa huwa espress fl-euro, u emenda xi kriterji oħrajn tat-tipoloġija.
- (3) B'konsegwenza tal-emenda li saret bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ⁽⁴⁾, iridu jitqiesu d-diviżjonijiet tal-Bulgarija u r-Rumanija. Jeħtieġ li jsiru xi bidliet addizzjonali lir-Regolament (KEE) Nru 1859/82 għal iktar preċiżjoni. Għalhekk, fl-interessi tal-kjarezza, ir-Regolament (KEE) Nru 1859/82 għandu jitħassar u jinbidel b'dan ir-Regolament,
- (4) L-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għandhom jintgħażlu b'mod uniformi f'kull diviżjoni u għal dan il-għan għandhom jitħejjew regoli dettaljati ħalli jkunu implimentati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1217/2009.

⁽¹⁾ ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27.

⁽²⁾ ĠU L 205, 13.7.1982, p. 5.

⁽³⁾ ĠU L 335, 13.12.2008, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1.

▼B

- (5) L-azjendi li għandhom jiġu studjati b'rabta man-netwerk ta' dejta dwar il-kontabbiltà tal-irziezet jidħlu fil-qasam tal-istħarriġ strutturali u ta' ċensimenti tal-Komunità jew dawk nazzjonali fl-azjendi agrikoli.
- (6) Id-dejta disponibbli għall-iskopijiet biex jitħejja l-pjan għall-għażla tal-azjendi (pjan tal-għażla) għal kull sena ta' kontabbiltà u d-differenza fil-qagħda agrikola bejn l-Istati Membri differenti teħtieġ li l-limiti minimi tad-daqs ekonomiku li jvarja skont l-Istat Membru, u anki f'ċerti każi b'diviżjoni, għandhom ikunu adottati.
- (7) L-esperjenza turi li l-operazzjoni tan-netwerk tad-dejta hija ffaċilitata jekk l-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet magħżula għal kull diviżjoni tkun permessa tvajra sa 20 % fi kwalunkwe direzzjoni sakemm din ma tirriżultax fi tnaqqis fl-għadd totali ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għal kull Stat Membru.
- (8) Minħabba l-fatt li l-ġestjoni finanzjarja ta' miżura bħal din hija diffiċli, qed jiġi introdott limitu għal kull Stat Membru dwar l-għadd totali ta' prospetti kompluti kif suppost mill-irziezet eliġibbli għall-finanzjament Komunitajru fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1915/83 tat-13 ta' Lulju 1983 dwar regoli dettaljati ta' implimentazzjoni dwar iż-żamma ta' kontijiet biex ikun determinat id-dħul [l-introjt] ta' azjendi agrikoli⁽¹⁾. Għal raġunijiet ta' kjarizza u koerenza, dan għandu jkun rifless f'dan ir-Regolament. Għandha tkun permessa l-flessibbiltà fl-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għal kull diviżjoni, sakemm l-għadd totali tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet tal-Istat Membru konċernat jiġi rispettati.
- (9) Il-pjan tal-għażla għandu jinkludi għadd minimu ta' elementi li jippermettu l-validità tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-għanijiet tan-netwerk tad-dejta dwar il-kontabbiltà tal-irziezet li għandha ssir valutazzjoni tagħhom.
- (10) Għall-iskop tal-pjan tal-għażla, il-qasam tal-istħarriġ għandu jitqassam skont id-diviżjonijiet elenkati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u skont it-tipi ta' rziezet u l-klassijiet tad-daqs ekonomiku definiti fir-Regolament (KE) Nru 1242/2008.
- (11) Il-pjan tal-għażla għandu jitħejja qabel ma tkun bdiet is-sena korrispondenti tal-kontabbiltà sabiex ikun jista' jiġi approvat qabel ma jintuża għall-għażla tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet. Għas-sena ta' kontabbiltà 2010, madankollu, l-Istati Membri jeħtieġu perjodu itwal biex iħejju l-pjan tal-għażla, għaliex is-sorsi kollha ta' referenza meħtieġa mhumiex disponibbli ħafna qabel. Għalhekk, jixraq li jiġi pprovdut limitu ta' żmien differenti għan-notifika tal-pjan tal-għażla għal dik is-sena ta' kontabbiltà.

⁽¹⁾ ĠU L 190, 14.7.1983, p. 25.

▼B

- (12) Minħabba li r-Regolament (KE) Nru 1242/2008 japplika mis-sena ta' kontabbiltà 2010, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess sena.
- (13) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk tad-Dejta dwar il-Kontabbiltà tal-Irziezet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "azjenda" tfisser kummerċ ta' razzett kif definit fil-kuntest tal-istħarriġ u ċ-ċensimenti agricoli tal-Komunità;
- (b) "tipoloġija" tfisser it-tipoloġija tal-Komunità għall-azjendi agricoli stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1242/2008.

*Artikolu 2***Il-limitu minimu għad-daqs ekonomiku**

Għas-sena ta' kontabbiltà 2010 (perjodu ta' 12-il xahar konsekuttiv li jibdew bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-1 ta' Lulju 2010) u għas-snin ta' kontabbiltà sussegwenti, il-limitu minimu tad-daqs ekonomiku kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandu jkun kif ġej:

— Il-Belġju:	EUR 25 000
— Il-Bulgarija:	EUR 2 000
— Ir-Repubblika Ċeka:	EUR 8 000
— Id-Danimarka:	EUR 15 000
— Il-Ġermanja:	EUR 25 000
— L-Estonja:	EUR 4 000

▼M1

— L-Irlanda:	EUR 8 000
--------------	-----------

▼B

— Il-Greċja:	EUR 4 000
— Spanja:	EUR 4 000

▼M1

— Franza (bl-eċċezzjoni ta' Guadaloupe, Martinique u La Réunion):	EUR 25 000
— Franza (Guadaloupe, Martinique u La Réunion biss):	EUR 15 000

▼M3

— Il-Kroazja:	EUR 4 000
— L-Italja:	EUR 8 000

▼B

— Ċipru:	EUR 4 000
----------	-----------

▼ B

— Il-Latvja:	EUR 4 000
— Il-Litwanja:	EUR 4 000
— Il-Lussemburgu:	EUR 25 000
— L-Ungerija:	EUR 4 000
— Malta:	EUR 4 000
— L-Olanda:	EUR 25 000
— L-Awstrija:	EUR 8 000
— Il-Polonja:	EUR 4 000
— Il-Portugall:	EUR 4 000
— Ir-Rumanija:	EUR 2 000
— Is-Slovenja:	EUR 4 000

▼ M2

— is-Slovakkja:	EUR 25 000
-----------------	------------

▼ B

— Il-Finlandja:	EUR 8 000
— L-Iżvezja:	EUR 15 000
— Ir-Renju Unit (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq):	EUR 25 000
— Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq biss):	EUR 15 000.

*Artikolu 3***L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet**

L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għal kull Stat Membru kif ukoll għal kull diviżjoni għandu jkun stipulat fl-Anness.

L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet li għandhom jintgħażlu għal kull diviżjoni jista' jvarja minn dak stipulat fl-Anness sa 20 % fi kwalunkwe direzzjoni sakemm l-għadd totali tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet tal-Istat Membru kkonċernat jiġi rispettati.

*Artikolu 4***Il-pjan tal-għażla**

Il-pjan għall-għażla tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għandu jiżgura r-rappreżentanza tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet kumplessivament.

Dan għandu jinkludi:

(a) l-elementi fuq xiex inhu bbażat, jiġifieri:

- il-partikolaritajiet tas-sorsi ta' riferenzi statistiċi,
- il-proċeduri għat-tqassim tal-qasam tal-istħarriġ skont id-diviżjonijiet elenkati fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, it-tipi ta' rziezet u l-klassijiet tad-daqs ekonomiku definiti fit-tipoloġija,

▼B

- il-proċeduri sabiex tkun determinata r-rata tal-għażla magħżula għal kull saff,
 - il-proċeduri għall-għażla tal-azjendi li jippreżentaw il-kontijiet;
- (b) it-tqassim tal-azjendi fil-qasam tal-istħarriġ skont it-tipi ta' rziezet u l-klassijiet tad-daqs ekonomiku definiti fit-tipoloġija (jikkorrispondu tal-inqas mat-tipi prinċipali), u
- (c) l-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet li għandhom jintgħażlu għal kull saff adottat.

*Artikolu 5***Notifika**

Kull sena l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-pjan tal-għażla msemmi fl-Artikolu 4 lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tas-sena tal-kontabbiltà li magħha għandu x'jaqsam.

Madankollu, għas-sena ta' kontabbiltà 2010 għandu jiġi nnotifikat mhux iktar tard minn xahar wieħed qabel il-bidu tas-sena ta' kontabbiltà. ► **M3** Għas-sena fiskali tal-2013 il-Kroazja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-pjan tal-għażla tagħha sal-31 ta' Ottubru 2013. ◀

In-notifika għandha ssir b'mod elettroniku bis-sistemi tal-informazzjoni li huma disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri.

Il-forma u l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tkun innotifikata għandhom ikunu f'konformità mal-mudelli disponibbli lill-Istati Membri mis-sistemi tal-informazzjoni. Dawk il-mudelli u l-metodi li għandhom jintużaw għandhom jiġu adattati u aġġornati wara li l-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk tad-Dejta tal-Kontabbiltà tal-Irziezet ikun ġie infurmat.

Id-dejta marbuta man-notifiki għandha tiddaħħal u tiġi aġġornata fis-sistemi tal-informazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, f'konformità mad-drittijiet tal-aċċess mogħtija mill-awtoritajiet konċernati.

*Artikolu 6***Tħassir**

Ir-Regolament (KEE) Nru 1859/82 huwa mħassar b'effett mit-30 ta' Ġunju 2010.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 7***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mis-sena tal-kontabbiltà 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNEX

Numru ta' Referenza	Isem tad-diviżjoni	L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà
	IL-BELĠJU	
341	Vlaanderen	720
342	Bruxelles-Brussel	—
343	Wallonie	480
Total għall-Belġju		1 200
	IL-BULGARIJA	
831	Северозападен, (Severozapaden)	346
832	Северен централен, (Severen tsentralen)	358
833	Североизточен, (Severoiztochen)	373
834	Югозападен, (Yugozapaden)	335
835	Южен централен, (Yuzhen tsentralen)	394
836	Югоизточен, (Yugoiztochen)	396
Total għall-Bulgarija		2 202
745	IR-REPUBBLIKA ĊEKA	1 417
370	ID-DANIMARKA	2 150
	IL-ĠERMANJA	
010	Schleswig-Holstein	565
020	Hamburg	97
030	Niedersachsen	1 307
040	Bremen	—
050	Nordrhein-Westfalen	1 010
060	Hessen	558
070	Rheinland-Pfalz	887
080	Baden-Württemberg	1 190
090	Bayern	1 678
100	Saarland	90
110	Berlin	—
112	Brandenburg	284
113	Mecklenburg-Vorpommern	268
114	Sachsen	313
115	Sachsen-Anhalt	270
116	Thüringen	283
Total għall-Ġermanja		8 800

▼ B

Numru ta' Referenza	Isem tad-diviżjoni	L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà
755	L-ESTONJA	658

▼ M1

380	L-IRLANDA	900
-----	-----------	-----

▼ B

	IL-GREĊJA	
450	Macedonia-Thrace	2 000
460	Il-gżejjer ta' Epirus-Peloponnese-Ionian	1 350
470	Thessaly	700
480	Il-Greċja Kontinentali, il-Gżejjer Aegean, Kreta	1 450
Total għall-Greċja		5 500

	SPANJA	
500	Galicia	450
505	Asturias	190
510	Cantabria	150
515	País Vasco	352
520	Navarra	316
525	La Rioja	244
530	Aragón	676
535	Cataluña	664
540	Illes Balears	180
545	Castilla y León	950
550	Madrid	190
555	Castilla-La Mancha	900
560	Comunidad Valenciana	638
565	Murcia	348
570	Extremadura	718
575	Andalucía	1 504
580	Canarias	230
Total għal Spanja		8 700

▼ M1

	FRANZA	fl-2012	mill-2013
121	Île-de-France	200	190
131	Champagne-Ardenne	370	370
132	Picardie	270	270
133	Haute-Normandie	170	170

▼ **M1**

Numru ta' Referenza	Isem tad-diviżjoni	L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà	
134	Centre	410	410
135	Basse-Normandie	240	240
136	Bourgogne	350	340
141	Nord-Pas de Calais	280	280
151	Lorraine	230	230
152	Alsace	200	200
153	Franche-Comté	210	210
162	Pays de la Loire	460	460
163	Bretagne	480	480
164	Poitou-Charentes	360	360
182	Aquitaine	550	550
183	Midi-Pyrénées	480	480
184	Limousin	220	220
192	Rhône-Alpes	480	480
193	Auvergne	370	360
201	Languedoc-Roussillon	430	430
203	Provence-Alpes-Côte d'Azur	430	420
204	Corse	170	170
205	Guadeloupe	65	80
206	Martinique	65	80
207	La Réunion	130	160
Total għal Franza		7 620	7 640

▼ **M3**

860	IL-KROAZJA	1 251
	L-ITALJA	
221	Valle D'Aosta	170
222	Piemonte	594
230	Lombardia	717
241	Trento	282
242	Bolzano	338
243	Veneto	707
244	Friuli	451
250	Liguria	431
260	Emilia Romagna	873
270	Toscana	577
281	Marche	452

▼ M3

Numru ta' Referenza	Isem tad-diviżjoni	L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà
282	Umbria	460
291	Lazio	587
292	Abruzzo	572
301	Molise	342
302	Campania	667
303	Calabria	510
311	Puglia	723
312	Basilicata	400
320	Sicilia	706
330	Sardegna	547
Total l-Italja		11 106

▼ B

740	ĊIPRU	500
770	IL-LATVJA	1 000
775	IL-LITWANJA	1 000
350	IL-LUSSEMBURGU	450

▼ M1▼ C1

	L-UNGERIJA	
767	Alföld	1 016
768	Dunántúl	675
764	Észak-Magyarország	209
Total għall-Ungerija		1 900

▼ B

780	MALTA	536
360	L-OLANDA	1 500
660	L-AWSTRIJA	2 000
	IL-POLONJA	
785	Pomorze u Mazury	1 860
790	Wielkopolska u Śląsk	4 350
795	Mazowsze u Podlasie	4 490
800	Małopolska u Pogórze	1 400
Total għall-Polonja		12 100
	IL-PORTUGALL	
615	Norte e Centro	1 233
630	Ribatejo e Oeste	351

▼ B

Numru ta' Referenza	Isem tad-diviżjoni	L-għadd ta' azjendi li jippreżentaw il-kontijiet għas-sena ta' kontabbiltà
640	Alentejo e Algarve	399
650	Açores e Madeira	317
Total għall-Portugall		2 300
IR-RUMANIJA		
840	Nord-Est	852
841	Sud-Est	1 074
842	Sud-Muntenia	1 008
843	Sud-Vest-Oltenia	611
844	Vest	703
845	Nord-Vest	825
846	Ċentru	834
847	Bucureşti-Ilfov	93
Total għar-Rumanija		6 000
820	IS-SLOVENJA	908
▼ <u>M2</u>		
810	IS-SLOVAKKJA	562
▼ <u>B</u>		
IL-FINLANDJA		
670	Etelä-Suomi	461
680	Sisä-Suomi	251
690	Pohjanmaa	221
700	Pohjois-Suomi	167
Total għall-Finlandja		1 100
L-IŻVEZJA		
710	Il-Pjanuri Żvediżi ta' Nofs in-Nhar u Ċentrali	637
720	Il-foresti u ż-żoni agrikoli mħallta u ż-żoni affor-estati tal-Iżvezja ta' Nofs in-Nhar u Ċentrali	258
730	Iż-żoni tat-Tramuntana tal-Iżvezja	130
Total għall-Iżvezja		1 025
IR-RENU UNIT		
411	L-Ingilterra — North Region	420
412	L-Ingilterra — East Region	650
413	L-Ingilterra — West Region	430
421	Wales	300
431	L-Iskozja	380
441	L-Irlanda ta' Fuq	320
Total għar-Renju Unit		2 500